MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Numru 583/2004

PULIZIJA
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
VS
PATRICK PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Patrick Pace, ta’ 38 sena, iben Carmelo u Calcidonia nee’ Pirotta, imwieled Birkirkara fis-7 ta’ April 1966, residenti fl-indirizz 39, Triq il-Plejju, Birkirkara u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 156366(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-27 ta’ Gunju 2004 u fi zminijiet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ircieva minghand Joe Friggieri xi wegheda li jinghata, lilu jew lil ohrajn, b’korrispittiv ghal xi self, imghaxxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b’access minn dak li jkun permess bil-Ligi;

U aktar talli fit-23 ta' Lulju 2004 u fi zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, hedded lil Joe Friggieri;

B'hekk sar recediv ghat-termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru defenittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.99);

Rat il-verbal datat 18 ta' Lulju 2006 (fol.97) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda ta' Spettur Cordina (fol.12 et.seq.) jirrizulta li Joseph Friggieri kien ghamel rapport kontra l-imputat ghal uzura u allega li kien issellef sebat elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm7,800) minghand l-imputat Pace li fi zmien ftit gimghat tellaghhomlu ghal tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000). Kontemporanjament, Joseph Friggieri kien ha sehem fuq programm televisiv 'Xarabank' fejn b'mod mistur, kien qieghed ixandar il-grajja ta' uzura. L-imputat gharaf il-lehen il-kwerelant fuq it-*television*. Ghalhekk l-imputat acceda minnufih fuq il-post fejn kien qed isir il-programm ghaliex ried jkollu l-opportunita' li jirribadixxi l-allegazzjonijiet maghmula. L-imputat gie arrestat mis-Superintendent Mamo.

Spettur Cordina nvestiga lill-imputat li rrilaxxa stqarrija fejn sostna li huwa kien sellef lil Friggieri diversi ammonti ta' flus fis-sena 2002 u li Friggieri ma kienx qed ihallsu, kien dejjem jiskartah tant li kien sar ftehim ma' missier Friggieri

li ghamel tajjeb ghall-ammont ta’ tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000)

Fil-25 ta’ Lulju, Friggieri kien informa lill-Ispettur Cordina u informah li l-imputat kien avvicinah tlett (3) darbiet ghal flus u kien heddu. Ghalhekk l-Ispettur Cordina rega’ interroga lill-imputat li stqarr li kien kellem lil Friggieri rigward hlas ta’ self ta’ tlett mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm320) u dawn ma kellhomx x’jaqsmu mat-tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000).

In kontro ezami, Spettur Cordina kkonferma li Friggieri kien kellem lill-Ispettur Zarb u lill-Ispettur Saliba xi xhur qabel u li kienu ttiehdu passi kriminali kontra Friggieri, ukoll fuq frodi. A fol.15, Spettur Cordina, in kontro ezami, afferma li bhala rizultat tar-rapporti ta’ Friggieri, kien hemm persuna ohra li kienet ser titressaq il-Qorti.

Fl-istqarrija tieghu (Dok.JC4) l-imputat jaghti dettalji precizi ta’ kif beda jsellef il-flus lil Friggieri li dak iz-zmien kien jimporta il-gugarelli, u sal-Milied kien selfu s-somma ta’ sitt elef Lira Maltin (Lm6,000). Friggieri kien hallsu, permezz ta’ *cheque* tal-Kumpanija Carousel, gestita minn missier Friggieri. Dan ic-*cheque* ma giex onorat mill-Bank, anzi l-imputat sar jaf li missier Friggieri ma kienx awtorizza il-hrug ta’ *cheque* in kwistjoni.

Illi sussegwentement Friggieri kien qallu li ser ibiegh id-dar residenzjali tieghu u b’hekk ikun jista’ jhallas kollox, izda l-imputat sar jaf li kien hemm numru konsiderevoli ta’ ipoteki fuq din id-dar. Nelfrattemp Friggieri kien jmur jitkarrab ghand l-imputat ghal flus sabiex ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u l-imputat kien jerga’ jsellfu.

L-imputat stqarr illi sahansitra Friggieri kien implika lil Bank Manager Borg Sant ta’ l-HSBC, b’mod li Friggieri kien ghamel ta’ bir-ruhu li kien dan il-Bank Manager u bhala tali, kien cempel lill-imputat, infurmah li l-HSBC kienu ser jaghtu *loan facilities* lil Friggieri u ghalhekk l-imputat kien ser jithallas. Biex jittratjeni aktar, Friggieri sahansitra ipposa ta’ Borg Sant, kien informa lill-imputat li martu kienet mietet u li l-*loans* kienu ser jittardjaw. L-

imputat sahansitra baghat bukketti tal-fjuri lill-istess Manager. Kienet mart l-imputat li ghamel appuntament mall-Manager Borg Sant li skopriet l-ingann.

L-imputat stqarr illi meta s-self kien lahaq it-tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000) kien qatta l-pitazz fejn kienu jitnizlu n-notamenti tas-self u saret skrittura privata.

L-imputat stqarr illi Friggieri kien inganna lil diversi nies ohra li semma fl-istess stqarrija (ara fol.25). Cahad li kien hemm xi ammont mis-somma komplessiva ta' tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000) li kienu imghax.

Fit-tieni stqarrija (Dok.JC3) l-imputat innega li hedded b'xi mod lil Friggieri u qal li kien kellmu fuq hlas ta' tlett mija u ghoxrin (Lm320) li ma kellhom x'jaqsmu xejn mat-tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000)

A fol.41, PS Cilia kkonferma l-istqarrija (Dok.JC4) ta' l-imputat.

L-Ex Spettur Bernard Zarb (a fol.49) ikkonferma li huwa kien ressaq lil Joseph Friggieri l-Qorti b'akkuzi ta' frodi fit-2003. Ex Spettur Zarb, xehed li kien kellmu Friggieri (li kien jiggestixxi *canteen* f'Gym fejn kien jittrenja Zarb) u informah li ried jkellem lil Ex Spettur David Saliba u Zarb ghamel l-appuntament necessarju; li kien prezenti ghal laqgha, f'liema laqgha ma ssemma ebda uzura jew imghaxxijiet bil-gholi izda Friggieri lmenta li Pace ma ridtx jakkorda zmien bizzejjed ghal hlas. Wara li l-Ex Spettur Saliba irtira mill-Korp tal-Pulizija, Friggieri kien sab lil Zarb il-Qorti u rega' lmenta mieghu li Pace ma ridtx jakkordalu aktar zmien. Zarb baghat ghall-imputat Pace, li minn naha tieghu, informa lil Zarb li Friggieri kien imbroljun, dejjem iwieghedu l-hlas u ma jasal qatt.

Zarb informa lil Qorti bl-ingann ta' Friggieri meta dan kien cempel lil Zarb jippostjulha bhala z-ziju ta' Friggieri fejn informah illi huwa kien ser jaghmel tajjeb ghad-djun ta' Friggieri, tah l-indirizz u partikolaritajiet li wara rrizultaw li kienu foloz. B'din il-manjiera, Friggieri rega' kiseb self ulterjuri ta' tmenin Lira Maltin (Lm800) minghand l-imputat

Pace. **Zarb xehed li Friggieri, maghtul il-laqghat kollha li kellu mieghu, qatt ma kien semma imghaxxijiet gholja jew uzura.** Zarb xehed illi meta l-ingann inkixef huwa sab ukoll illi Friggieri kellu zewg *simcards* fil-*mobile* tieghu u li wahda minn dawn is-*simcards* kienet tikkontjeni n-numru tat-*telephone* li suppost gie uzat "miz-ziju" ta' Friggieri fit-telefonati lil Zarb u lill-imputat.

Joseph Friggieri (a fol.88 et. seq.) xehed illi kien waqa fil-vizzju tal-loghob ta' l-azzard u kien issellef ammonti ta' flus sostanzjali mill-imputat. Stqarr li f'kollox kien issellef sebat elef u tmien mija (Lm7,800) f'ammonti ta' bejn mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) u hames mitt Lira Maltin (Lm500). Friggieri xehed illi kien ikun, "Imghallaq ghal flus," u kien jaccetta kull proposta rigward hlas li kien jezigi Pace. Stqarr li jekk kien jissellef mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) is-self jitnizzel bhala tlett mija u hamsin Lira Maltin u l-hlas ikun irid isir f'temp ta' xahar. B'din il-manjiera, Friggieri spicca illi kellu jaghti lill-imputat is-somma ta' tlettax-il elf Maltin Lira (Lm13,000) u fil-fatt kien sar ftehim quddiem avukat ghal dan l-ammont. Friggieri xehed illi huwa kien hallas lill-imputat is-somma ta' elf mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm1,250) mis-somma reali li hu kien issellef ta' sebat elef u tmien mija Lira Maltin (Lm7,800). A fol.95, Joseph Friggieri stqarr li ma setghax isib l-ircevuta tal-pagament ta' l-elf Lira Maltin (Lm1,000) imsemmi fix-xhieda precedenti tieghu.

A fol.103 et seq., l-Ex Spettur David Saliba, xehed illi kien ircieva ilment minghand Joseph Friggieri kontra l-imputat Pace fuq uzura. Illi f'dak iz-zmien, ma kinitx ghadha promolgata l-Ligi fuq l-uzura u minhabba t-theddid li s-soltu jakkompanja l-uzura, kien hemm prassi li ssir skrittura fejn jithallas biss il-kapital misluf. Fil-kaz in ezami, l-Ex Spettur Saliba ma setghax jiftakar kinitx saret skrittura simili bejn partijiet.

A fol.110, l-Ex Spettur Zarb ikkonferma x-xhieda precedenti u stqarr li kien gie msejjah mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta attenda ghal laqgha, sab lil Friggieri li kien qed jallega quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija, li

Zarb kien qed jaghmilha ta' '*debt collector'* fejn kienet involuta l-uzura.

In kontro ezami, Joe Friggieri cahad li semma l-uzura lil Ex Spettur Saliba, izda afferma illi kien semma l-uzura lil Ex Spettur Zarb **qabel** il-laqgha mal-Kummissarju tal-Pulizija. In vista ta' din ix-xhieda, sar konfront bejn Zarb u Friggieri, fejn Zarb zamm ferm mal-verzjoni tieghu, waqt li Friggieri (a fol.120) stqarr li ma kienx semma l-uzura lil Zarb fil-prezenza ta' Jean Paul Mifsud.

In-Nutar Malcolm Mangion (a fol.133) xehed illi kien cempel lil avukat biex jistaqsi xi partikolaritajiet fl-iskrittura, liema partikolaritajiet, ma gewx konfermati minn dan l-avukat u ghalhekk ebda azzjoni ulterjuri ma ttiehdet.

L-imputat Pace kkonferma dak kollu li sostna fl-istqarrija tieghu, ta dettalji vividi ta' kif sar jaf fuq il-programm ta' 'Xarabank' u bil-hrejjef li kien qed jghid Friggieri fuq il-mezzi tax-xandir, kif ghamel hiltu biex jidher fuq il-programm sabiex jiribadixxi dak kollu allegat, izda gie mizmum mill-Pulizija. Huwa ta sensiela ta' dettalji u ta' istanzi fejn kien sellef il-flus lil Friggieri, sabiex jimporta gugarelli, tant li f'temp ta' disa' (9) xhur, l-imputat kien selfu sitt elef Lira Maltin (Lm6,000); kif il-hlas sar permezz ta' *cheque* li ma giex onorat; kif dan ic-*cheque* hareg b'mod frawdolenti il-ghaliex ma kienx awtorizzat mill-missier Friggieri; kif gie meskolat il-Manager ta' Bank Principali Malti, b'teatrini u b'simulazzjoni ta' lehen u personalitajiet da parti ta' Friggieri.

L-imputat (a fol.147) jinnega li huwa sellef lil Friggieri is-somma ta' sebat u tmien mija Lira Maltin (Lm7,800) izda nizzel tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000) fl-iskrittura. Huwa qal li Friggieri kien jissellef minghand in-nies imbaghad imur id-Depot tal-Pulzija u jiddenunzja li s-self sar bl-uzura u jigi emnut. Huwa qal illi Friggieri kellu mal-mitejn u tmenin elf Lira Maltin (Lm280,000) dejn u numru konsiderevoli ta' subbasti ma' diversi nies. Ikkonferma li hu kien l-uniku persuna li pprova jmur fuq il-programm sabiex jirribatti l-gideb illi Friggieri kien qieghed ixandar izda minflok sab ruhu arrestat.

Fit-tieni xhieda tieghu, l-imputat ezebixxa att notarili (Dok.P1), atti mill-kawza civili bejn il-partijiet (Dok.P2) u sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bl-ismijiet Pulizija Spettur Angelo Gafa’ vs Joseph Friggieri deciza fid-9 ta’ Gunju 2009 (Dok.P3). A fol.174, Joseph Friggieri nforma lil Qorti illi huwa kellu d-dejn ma’ l-imputat u li kien ser jilhaq ftehim. Il-Qorti taghtu twissija lill-imputat li sussegwentement ghazel li ma jkomplix jiddeponi sabiex ma jinkriminax ruhu.

Tania Camilleri, raprezentanta tal-BOV, xehedet illi l-Bank, fil-fatt, kellu Manager bil-kunjom ta’ Borg Sant.

A fol.179, Friggieri ghazel li ma jixhidx qabel ma jikkonsulta ma’ l-avukat tieghu. A fol.184, Joseph Friggieri, wara li gie mwissi mill-Qorti, kkonferma li kellu jaghti lill-imputat is-somma ta’ tletin elf euro (€30,000), irtira l-azzjoni kriminali kontra l-imputat u sostna illi kien qieghed ihallas lill-imputat bir-rata ta’ elf euro (€1,000) kull xahar.

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat jinsab mixli b’uzura ai termini ta’ l-Artikolu 298C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiddisponi:

“**298C.** (1) Whosoever receives from another person or obtains
from another person a promise to give, to himself or to others, in
consideration of a loan, interests or any other gain under any form
whatsoever in excess of what is allowed by law shall, on
conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding
eighteen months and to the payment of a fine (*multa*) from two

thousand and three hundred and twenty-nine euro and thirty-seven
cents (2,329.37) to thirty-four thousand and nine hundred and forty
euro and sixty cents (34,940.60).”

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi parti sostanzjali mis-self da parti ta’ Friggieri fejn jilmenta u jallega l-uzura, kien jirrisali ghal data antecedenti ghad-data tad-dhul fis-sehh tal-Ligi illi ntroduciet l-uzura bhala reat fil-Ligi Kriminali tall-pajjiz. Illi apparti din il-kwistjoni, din il-Qorti ssib illi l-assiem ta’ xhieda f’din il-kawza turi, b’mod manifest, illi Joseph Friggieri kien *a con-artist per excellance*, persuna li l-ewwel tmur titkarrab ghal flus, imbaghad kif jinghata dan is-self, tmur tiddenunzja lil Pulizija li s-self kien sar bl-uzura. Illi r-raggiri u l-qerq soffistikat ta’ Friggieri kien wassal sabiex anke jirrecita u jaghmilha ta’ bir-ruhu illi kien Bank Manager bil-poteri illi jiffacilita’ servizzi bankarji ta’ self biex jassigura lill-imputat li dak kollu li kien lilu dovut, ser jigi kopert mill-Bank; irrecita sahansitra li kien iz-ziju ta’ Friggieri, li wkoll kien ser jaghmel tajjeb ghad-dejn, ghamel ta’ bir-ruhu li ser ibiegh id-dar, fatti dawn illi mhux biss gew provati f’din il-procedura izda gew kristallizzati fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati deciza fid-19 ta’ Gunju 2009 fejn intqal:

**“Illi fl-istqarrija minnu rilaxxjata u esebita a fol. 18 sa 20 tal-process l-imputat (Friggieri) ammetta mal-Pulizija li huwa kellu lvizzju tal-loghob u ammetta wkoll li kien issellef madwar Lm9,000 minghand Patrick Pace u qal li fil-mument li ssellef tali ammont is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu kienet hazina u kien jaf li ma kellux minn fejn ihallas lura lil Pace izda lli dan tal-ahhar kien qallu li seta’ jhallsu lura lammont misluf malajr. L-imputat ammetta wkoll li lil Patrick Pace kien urieh il-konvenju rigwardanti il-bejgh tad-dar tieghu sabiex dan tal-ahhar ikollu fiducja fih u jselfu aktar flus. L-imputat ammetta wkoll li huwa kien cempel lil Patrick Pace u qallu li kien jismu Silvio Borg u li kien iz-ziju tal-imputat u accertah li huwa**

**(Silvio Borg) kien ser ihallsu l-ammont ta' Lm12,000 dovut mill-imputat izda talbu sabiex jghaddilu s-somma ta' Lm880 li Pace fil-fatt ghaddihom lill-imputat. L-imputat ammetta wkoll li kien dahaq b'Patrick Pace u qal li kien jiddispjacih ghal dak li ghamel."**

In fatti Friggieri gie misjub hati ta' truffa u gie kkundannat piena ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija sospiza ghal sentejn (ara Dok.P3 a fol.167 sa fol.172).

Illi l-ahhar xhieda ta' Friggieri hija wahda li ghandha tinghata piz konsiderevoli. Dan qieghed jinghad il-ghaliex din ix-xhieda inghatat wara li l-Qorti tat it-twissija lill-kwerelant b'mod ripetut u anke f'seduti successivi. Minkejja dana kollu li l-kwerelant Friggieri ammetta illi kien debitur fis-somma ta' tletin elf euro (€30,000) lejn l-imputat. In fatti, permezz ta' l-avukat tieghu, il-kwerelant obbliga ruhu kuntrattwalment li jhallas dan l-ammont, ammont ferm anqas mis-somma ta' (Lm7,800) illi originarjament sostna li kien l-uniku dejn illi kellu ma' l-imputat.

In vista ta' dana kollu din il-Qorti ma tarax illi ghandha alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------